MALTA

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN

**Illum 4 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Guramentat Nru: 611/15 MH**

**V.J. Grima Ltd (C5354) ta' Filling Station, Nicola Saura Street, Rabat, Malta RBT9050**

**vs**

**F.G.S.Construction Limited (C17794) ta' Garage No. 2, Triq Gheriexem, Rabat Malta**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promotur datat 24 ta' Gunju, 2015, fejn gie premess:

**"Tesponi bir-rispett u Valerie Grima (Karta ta' l-Identita` Numru 212269 M) fil-kwalita taghha ta' direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta attrici bil-gurament tikkonferma:**

1. **Illi s-socjeta konvenut tinsab debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf u disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsa w ghoxrin centezmu (€24982.25) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' fuel mibjugha u kkonsenjat lill-istess socjeta konvenuta li baqa' ma thallasx, liema dejn hu cert, likwidu u dovut:**

2. **Illi nonostante illi giet interpellata sabiex thallas is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti.**

3. **Illi s-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici.**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn qabel premessi, is-soċjeta attriċi qed titlob lil dana l-Onorabbli Qorti sabiex:**

1. **Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.**

2. **Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf u disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€24982.25) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' fuel mibjugha u kkonsenjat lill-istess socjeta konvenuta li baqa' ma thallasx.**

**Bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi qed jigi pprezentat kontestwalment kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni".**

Rat illi l-atti tar-rikors maħluf gie debitament notifikat lis-socjeta konvenuta;

Semghet lil Jesmond Falzon in rappresentanza tas-socjeta konvenuta jiddikjara li mhux qed jikkontesta t-talbiet attrici;

Billi mill-provi jirrizulta illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors jirrizultaw pruvati;

Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta attrici u taqta' il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf u disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsa w ghoxrin centezmu (€24982.25) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' prezz ta' fuel mibjugha u kkonsenjat lill-istess socjeta konvenuta li baqa' ma thallasx flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'sehh mil-lum sal-jum effettiv tal-hlas.

Tikkundanna lis-socjeta konvenuta ghall-hlas tal-ispejjez ta' din il-kawza.

Miriam Hayman
Imhallef

John Muscat
Deputat Registratur